VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,767, 28 ta' April, 2017

Taqsima B

A.L. 126 tal-2017

IL-KOSTITUZZJONI TA' MALTA

Regolamenti tal-2017 li jemendaw ir-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku dwar Ħatriet

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 121 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, bil-kunsens tal-Prim Ministru, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2017 li jemendaw ir-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku dwar Ħatriet u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku dwar Ħatriet, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". Kost. 05.

Iżid regolament ġdid 32A mar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament li ġej għandu jidħol wara r-regolament 32 tar-regolamenti prinċipali:

"Irtir fl-interess pubbliku.

32A. (1) Minkejja dak kollu li jinsab f'kull dispożizzjoni oħra ta' dawn ir-regolamenti, jekk Kap ta' Dipartiment jidhirlu li uffiċjal għandu jiġi mġiegħel li jirtira mis-servizz fl-interess pubbliku hu għandu jirrapporta l-fatt lill-Kap tas-Servizz Pubbliku li għandu:

(a) jikseb mingħand il-Kap ta' kull Dipartiment li fih l-uffiċjal ikun serva matul it-tnax-il sena ta' qabel, jew mid-data tal-ewwel ħatra tiegħu, skont liema jkun l-iqsar, rapporti dwar ix-xogħol u l-kondotta tiegħu;

(b) jagħti lill-uffiċjal opportunità li jqis kull rapport u dokumentazzjoni oħra li jkunu ser jintużaw mill-Kap tas-Servizz Pubbliku biex iġiegħel l-uffiċjal jirtira, sabiex jippermetti lill-uffiċjal juri għaliex m'għandux jiġi mġiegħel li jirtira mis-servizz.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) Jekk il-Kap tas-Servizz Pubbliku, wara li jqis ir-rapporti u d-dikjarazzjoni tal-uffiċjal u wara li jittieħed kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, ikun tal-fehma li dak l-uffiċjal għandu jiġi mġiegħel jirtira mis-servizz fl-interess pubbliku, hu għandu jibgħat lill-Kummissjoni r-rapporti tal-Kapijiet tad-Dipartimenti u d-dikjarazzjoni tal-uffiċjal flimkien mar-rakkomandazzjoni tiegħu, b'kopja li tintbagħat lill-Kap tad-Dipartiment ta' dak l-uffiċjal u lill-uffiċjal stess.

(3) Minkejja dak kollu li jinsab f'kull dispożizzjoni oħra ta' dwan ir-regolamenti, jekk il-Kap tas-Servizz Pubbliku, fuq informazzjoni li tkun b'xi mod waslitlu, jidhirlu li l-uffiċjal għandu jiġi mġiegħel jirtira mis-servizz fl-interess pubbliku, huwa għandu josserva l-proċedura preskritta fir-subregolamenti (1)(a), (1)(b) u (2).

(4) Il-Kummissjoni għandha tagħti lil dak l-uffiċjal li jkunu qegħdin jittieħdu proċedimenti kontra tiegħu, u lir-rappreżentant tiegħu, kull opportunità biex jagħmel sottomissjonijiet fil-fomm quddiem il-Kummissjoni.

(5) Wara li tagħmel kull investigazzjoni oħra li tqis li tkun meħtieġa, il-Kummissjoni għandha mbagħad tirrakkomanda lill-Prim Ministru l-azzjoni, jekk ikun il-każ, li fil-fehma tagħha għandha tittieħed kontra l-uffiċjal.".